

Brussell, 3 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0136(COD)**

9471/21
ADD 5

TELECOM 242
COMPET 457
MI 432
DATAPROTECT 156
JAI 670
IA 108
CODEC 826

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ġunju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 125 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament dwar qafas għal identità diġitali Ewropea u s-servizzi fiduċjarji fis-suq intern

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 125 final.

Mehmuż: SWD(2021) 125 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2021
SWD(2021) 125 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament

dwar qafas għal identità diġitali Ewropea u s-servizzi fiduċjarji fis-suq intern

{COM(2021) 281 final} - {SEC(2021) 228 final} - {SWD(2021) 124 final}

SKEDA TAS-SOMMARJU EŻEKUTTIV

Valutazzjoni tal-impatt dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas ta' Identità Diġitali Ewropew u servizzi fiduċjarji fis-suq intern

A. Bżonn li tittieħed azzjoni

X'inhil-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?

Bħalissa, id-defiċjenzi regolatorji u ta' implimentazzjoni, u l-iżviluppi tas-suq, teknoloġiċi u soċjetali, qed ixejnkli liċ-ċittadini u lin-negozji milli jużaw bis-sħiħ l-eIDs u s-servizzi fiduċjarji fl-UE. F'dan l-isfond u fid-dawl tal-oġġettivi stabbiliti mill-mandat politiku tal-President tal-Kummissjoni u tal-Kunsill Ewropew, din l-inizjattiva timmira li tindirizza l-problemi ewlenin li ġejjin:

L-ewwel, iż-żieda fid-domanda mis-servizzi pubbliċi u privati għal identifikazzjoni elettronika ta' fiduċja, u l-aspettattivi tal-utenti għal soluzzjonijiet bla xkiel u ta' fiduċja għall-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-attributi bejn il-fruntieri, f'firxa wiesgħa ta' każijiet tal-użu pubbliċi u privati, mhumiex qed jintlaħqu. Barra minn hekk, it-tħassib dwar il-kontroll u s-sigurtà tad-*data* mhux indirizzat biżżejjed mis-soluzzjonijiet disponibbli tal-identità diġitali.

It-tieni, il-kundizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi fiduċjarji mhumiex ekwi, filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament mhux biżżejjed.

X'għandu jinkiseb?

L-oġġettiv ġenerali tal-intervent hu li jiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq intern, b'mod partikolar fejn jidħol il-forniment tas-servizzi diġitali pubbliċi u privati transfruntieri u transsettorjali. L-oġġettivi speċifiċi tal-inizjattiva jimmiraw li jirriflettu l-mandat politiku u ta' politika mogħti mill-President tal-Kummissjoni u mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, li jappellaw għal identità diġitali Ewropea bl-oġġettivi li:

- tipprovdi aċċess għal soluzzjonijiet ta' identità diġitali ta' fiduċja u siguri liċ-ċittadini u lin-negozji kollha tal-UE li jistgħu jintużaw bejn il-fruntieri, u tilħaq l-aspettattivi u d-domanda tal-utenti;
- tiżgura li s-servizzi pubbliċi u privati jkunu jistgħu jiddependu fuq soluzzjonijiet ta' identità diġitali ta' fiduċja u siguri transfruntieri;
- tipprovdi kontroll sħiħ liċ-ċittadini għad-*data* personali tagħhom u taċċerta s-sigurtà tagħhom meta jintużaw soluzzjonijiet ta' identità diġitali; u
- tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-forniment tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati fl-UE, u l-aċċettazzjoni tagħhom.

X'inhil-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?

Biex ikunu żgurati l-effettività u l-interoperabbiltà tal-identità diġitali Ewropea, azzjoni fil-livell tal-UE tikseb benefiċċji akbar meta mqabbla ma' azzjoni li tittieħed biss fil-livell tal-Istati Membri. Il-miżuri nazzjonali fl-oqsma tal-eID u tas-servizzi fiduċjarji huma soġġetti għal limitazzjonijiet ovvji fil-kuntest nazzjonali, filwaqt li l-benefiċċji diretti tagħhom ikunu

fil-biċċa l-kbira jew esklużivament limitati għal Stat Membru individwali, u b'hekk joħolqu aktar frammentazzjoni. Jekk jiġu indirizzati l-problemi sistemiċi b'rabta mal-moviment liberu mgħejjun bl-użu estensiv ta' eID u servizzi fiduċjarji li jagħtu aċċess għal prodotti u servizzi madwar l-Ewropa kollha, jinkiseb rispons aħjar fuq skala tal-UE.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma l-għażliet biex jintlaħqu l-objettivi? Hemm xi għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?

Ġew ikkunsidrati u vvalutati tliet għażliet ta' politika, abbażi ta' loġika ta' ambizzjoni progressiva:

- L-Għażla 1 għandha livell baxx ta' ambizzjoni b'enfasi fuq it-titjib tal-leġiżlazzjoni attwali mingħajr bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha;
- L-Għażla 2 għandha livell medju ta' ambizzjoni. Tibni fuq l-Għażla 1 u, minbarra dak, tistabbilixxi qafas li jirregola suq għall-iskambju sigur tad-*data* konnessa mal-identità;
- L-Għażla 3 għandha l-ogħla livell ta' ambizzjoni. Tibni fuq l-effett sinerġetiku ta' sett ta' miżuri skont l-Għażliet 1 u 2, iżda tiżgura wkoll li App tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali personali tkun disponibbli b'mod volontarju għar-residenti u l-kumpaniji kollha fl-Ewropa.

Rigward is-servizzi fiduċjarji, it-tliet għażliet huma msejsa fuq l-istess livell ta' ambizzjoni u jiddependu fuq sett simili ta' miżuri.

L-għażla ppreferuta hija l-Għażla 3, li tinkludi b'mod partikolari l-elementi kostitwenti li ġejjin:

- tistabbilixxi ekosistema għal App tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali personali;
- tippermetti l-fluss liberu u l-iskambju tad-*data* tal-identità diġitali bejn il-fruntieri, u tipprovdi konnessjoni soda u ta' fiduċja bejnhom u l-App tal-Kartiera;
- tiżgura l-affidabbiltà transfruntiera tal-App tal-Kartiera billi tikkollegaha mal-eIDs notifikati mill-Istati Membri, u
- tiżgura l-protezzjoni tad-*data* u kontroll sħiħ mill-utent fuq id-*data* tal-identità.

X'inhuma l-opinjoni differenti tal-partijiet ikkonċernati? Liema għażliet u min jappoġġa liem?

L-Istati Membri huma ġeneralment favorevoli għall-miżuri inklużi fl-għażla ppreferuta, u b'mod partikolari dwar ir-risultati tal-evalwazzjoni eIDAS li turi li hemm bżonn tingħata spinta qawwija ħalli jitħaffef il-pass tan-notifiki skont l-eIDAS, u dwar il-ħtieġa li jitneħħew il-limitazzjonijiet attwali fl-użu tal-eIDs għax l-estent tagħhom fis-settur privat hu limitat wisq. Il-partijiet ikkonċernati tal-industrija qed jitolbu qafas ta' identità diġitali li jippermetti interazzjoni bla intoppi bejn l-eIDs nazzjonali żviluppatti mill-Istati Membri u l-qafas relatat tal-attributi tal-identità meħtieġ f'sett wiesa' ta' każijiet tal-użu privati.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-benefiċċju ewleni tal-għażla ppreferuta jkun għaċ-ċittadini; bil-Kartiera Ewropea tal-

Identità Diġitali, **iċ-ċittadini jkunu jistgħu jmexxu l-identità diġitali tagħhom u l-attributi u l-kredenzjali assoċjati** li jirċievu mingħand diversi sorsi (eż. l-edukazzjoni, l-impjieg, il-lokalità, l-istat, l-assoċjazzjonijiet professjonali, id-divertiment, u l-bqija) b'mod awtosovran. Dan jagħtihom aċċess għal servizzi online pubbliċi u privati madwar l-UE, u kontroll sħiħ fuq id-*data* personali tagħhom.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma dawkw ewlenin)?

Il-kost tal-għażla ppreferuta, u min se jġarrab il-kost, jiddependi fuq liema xenarju ta' implimentazzjoni jintgħażel (irid jiġi implimentat minn Stat Membru, b'mandat minn Stat Membru, jew b'mod indipendenti mill-Istat Membru, u huma rikonnoxxuti mill-Istati Membri).

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

L-SMEs aktarx ikunu interessati jadottaw is-servizzi tal-kartieri minħabba t-tranżazzjonijiet kummerċjali, filwaqt li kumpaniji l-kbar aktarx jiffavorixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq id-desktopt abbażi ta' proċessi awtomatizzati (eż. kumpaniji tas-sigurtà soċjali li jużaw pjattaformi apposta). L-integrazzjoni tal-kartiera permezz tal-APIs għall-konsum tal-kredenzjali/attributi u għall-identifikazzjoni jew l-awtentikazzjoni l-klijenti tikkawża kostijiet għall-SMEs, li iżda aktarx jitpaċew b'benefiċċji ta' simplifikazzjoni u effiċjenza, skont il-każ speċifiku tan-negozju. L-għażla ppreferuta tiftaħ opportunitajiet ġodda ta' negozju lill-SMEs li huma fornituri ta' servizzi tal-ID jew fiduċjarji, iżda l-kostijiet tal-iżvilupp u taċ-ċertifikazzjoni jaf ixekkluhom mid-dħul fis-suq.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-impatti għall-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali huma l-aktar minħabba r-rekwiżiti:

- 1) Kostijiet biex jitwettqu skemi sħaħ tal-eID mill-Istati Membri li għadhom ma implimentawhomx (il-kostijiet ivarjaw skont id-daqs u l-popolazzjoni tal-Istat Membru)
- 2) Kostijiet marbuta direttament mal-proċess ta' notifika (EUR 1,3 miljun għall-bqija tal-Istati Membri li ma jinnotifikawx)
- 3) Kostijiet għad-disponibbiltà ta' sorsi awtentiċi għall-fornituri tal-kredenzjali tal-identità (madwar EUR 625 miljun ta' darba u EUR 162 miljun annwali għall-UE kollha)
- 4) Kostijiet għall-iżvilupp u t-tħaddim tal-App tal-Kartiera tal-UE (sa EUR 10 miljun, fl-Istati Membri li jwettquha)
- 5) Kostijiet oħra relatati ma' pereżempju l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, il-familjarizzazzjoni mal-bidliet leġiżlattivi, u s-superviżjoni ta' servizzi fiduċjarji ġodda.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-inizjattiva mistennija tħalli impatt pożittiv fuq l-**innovazzjoni**, u li tippromwovi aktar l-interoperabbiltà. B'dawn l-għażliet hu mistenni impatt pożittiv fuq l-**impjegi** minħabba l-kontribut tagħhom għall-espansjoni futura tat-tranżazzjonijiet online u minħabba tnaqqis tal-ostakli fis-Suq Intern. Se tingħata spinta lill-preżenza u l-aċċessibbiltà ta' elementi siguri fl-apparati mobbli, li dan iwassal għal aktar **avvanzi f'applikazzjonijiet oħra tal-identità** u

f'affarijiet oħra. Barra minn hekk, din l-għażla mistennija tħalli impatti pożittivi f'termini ta' parteċipazzjoni ċivika akbar, bażi diġitali **orjentata lejn il-privatezza, is-sigura, u l-kompetittiva** għall-immaniġġjar tad-*data* personali, u tippromwovi konformità aħjar mad-dispożizzjonijiet tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali** tal-Unjoni Ewropea, u dan bi qbil mal-impatti pożittivi fuq il-Libertà, l-Ugwaljanza, is-Solidarjetà u d-Drittijiet taċ-Ċittadini.

Proporzjonalità?

Meta wieħed iqis l-oġġettivi, l-għażla ppreferuta hi proporzjonata biżżejjed u l-kostijiet aktarx jikkomensuraw mal-benefiċċji potenzjali. Il-kostijiet imġarrba bil-ħolqien ta' standards ġodda u bl-allinjament magħhom (fornituri tas-servizzi fiduċjarji u fornituri tas-servizzi online) ma jistgħux jiġu evitati jekk iridu jintlaħqu l-oġġettivi tal-użabbiltà u l-aċċessibbiltà. Barra minn hekk, l-għażla ppreferuta timmira li tisfrutta l-investimenti li diġà għamlu l-Istati Membri.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Se jsir monitoraġġ tal-inizjattiva b'rabta mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u informazzjoni kurrentwali indiretta oħra. Fl-att legali se tiddaħħal klawsola ta' rieżami.